A.L. 442 ta' l-2004

ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sensji Kollettivi (Ħarsien ta' l-Impjiegi)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37 ta' l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg għamel ir-regolamenti li ġejjin : –

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sensji Kollettivi (Ħarsien ta' l-Impjiegi), u dawn għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Sensji Kollettivi (Ħarsien ta' l-Impiegi), hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti imsejħin "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 428 ta' l-2002.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. (1) Fir-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali, minflok in-nota marġinali "Titolu." għandhom jidħlu l-kliem "Titolu u skop.", id-disposizzjoni preżenti għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala s-subregolament (1) tiegħu, u minnufih wara s-subregolament (1) kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu sabiex jagħtu seħħ lid-disposizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva tal-Kunsill UE 98/59/KE.".

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fis-sub-regolament (1) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali:–

(a) fit-tifsira "sensji kollettivi", minflok il-paragrafu (ċ) għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) 30 impjegat jew aktar fi stabbilimenti li jimpjegaw 300 impjegat jew aktar:"; u

(b) minnufih wara t-tifsira "Att", għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "kuntratt ta' servizz għal terminu ta' żmien fiss" għandha l-istess tifsira assenjata lilha bis-saħħa tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Kuntratt ta' Servizz għal terminu ta' żmien fiss;".

A.L. 429 ta' l-2002.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-paragrafu (b) għandu jidħol dan li ġej:

"(b) persuni impjegati fuq bastimenti li jaqgħu taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili."

Kap. 234.

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

5. Fir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "jew biex jimmitigaw il-konsegwenzi tagħhom" għandhom jidħlu l-kliem "u biex jimmitigaw il-konsegwenzi tagħhom".

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

6. Wara s-sub-regolament (2) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan is- subregolament (3) ġdid li ġej:

"(3) Bla ħsara għas-subregolamenti (1) u (2) ta' dan ir-regolament, l-avviż tat-terminazzjoni ta' impjieg jista' jibda jgħodd mid-data meta jibdew il-konsultazzjonijiet imsemmija fir-regolament 5".

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

7. Fit-test Ingliż tar-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali, wara l-kelma "fine" għandha tidħol il-kelma "(*multa*)".